

# Ħarsien tal-Garnija f'Malta

## Ir-rapport tal-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija

Il-Proġett Garnija huwa parzjalment finanzjat mill-LIFE tal-UE bi sħab ma'

Bl-għajnuna ta'

RSPB · BirdLife Malta · spea · Heritage Malta · tm Transport Malta · HSBC The world's local bank Cares for the Environment Fund · MEPA

Il-Programm LIFE Nature jiffinanzja żvilupp sostenibbli u assistenza għat-tmexxija tal-ambjenti naturali u għasafar tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja

**Ħarsien tal-Garnija f'Malta**

**Ir-rapport tal-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija**
LIFE06/NAT/MT/000097 **Ir-Rapport Layman**

**Il-Garnija** – The Yelkouan Shearwater – *Puffinus yelkouan* (Acerbi, 1892)
*yelkouan*, mit-Tork *yelkovan* li tfisser "isegwi r-riħ", terminoloġija lokali għall-garni.
*shearwater,* bl-Ingliż, tirreferi għal mod kif l-għasfur imiss il-ponot tal-ġwienaħ
mal-ilma, waqt li jittajjar fuq wiċċ il-baħar (bl-Ingliż 'shearing').






# Werrej

Paġna

Il-proġett fil-qosor 5

L-1 taqsima
L-għasfur 6
Il-Garnija (*Puffinus yelkouan*)

It-2 taqsima
Is-sit 10
L-iRdum tal-Madonna, il-Mellieħa

It-3 taqsima
It-theddid 14
Lejn soluzzjoni għall-problemi

Ir-4 taqsima
Ir-Riċerka 18
It-teknoloġija tat-trekking u l-monitoraġġ

Il-5 taqsima
Ir-riżultati 22
Niskopru l-ħajja tal-Garnija

Is-6 taqsima
Il-kisbiet 26
Niżguraw futur aħjar

Is-7 taqsima
Il-Ġejjieni 28
Il-pjan għat-tkomplija

Iktar x'taqra 30

# Il-proġett fil-qosor



## Ħarsien tal-Garnija f'Malta…

Il-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija hu wieħed mill-akbar proġetti ta` konservazzjoni li qatt saru f'Malta. Għandu l-għan li jreġġa` lura t-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-Garnija (*Puffinus yelkouan*), għasfur tal-baħar protett li f'Malta tinstab sa 10% tal-popolazzjoni globali.

Il-punt ċentrali tal-proġett kien il-kolonja tal-Garnija fl-iRdum tal-Madonna fil-Mellieħa, li hi l-ikbar waħda f'Malta. Hawnhekk saru sforzi ta` konservazzjoni li tejbu l-kundizzjonijiet ta` fejn ibejtu iktar minn terz tal-Garni f'Malta u żiedu r-rata ta` frieħ li jtajru. Il-proġett, bl-użu ta` teknoloġija tat-trekking mill-aktar moderna u avvanzata, u li qatt qabel ma ntużat fuq din l-ispeċi, għen ukoll biex jinstabu siti importanti għal dan l-għasfur fil-baħar.

L-Irdum tal-Madonna joffri ambjent naturali ideali biex fih ibejtu bejn 398 u 602 pari ta` Garnija. Il-bejtiet ma kienux qed jirnexxu minħabba għadd ta` fatturi: il-firien kienu qegħdin jieklu numri kbar ta` frieħ u bajd, it-tniġġis mid-dawl u l-istorbju kien qiegħed igerrex l-għasafar bil-bejta, u r-rimi ta` materjal minn fuq l-irdum kien qiegħed jagħlaq id-dħul għall-bejtiet. Attivitajiet oħra fuq il-baħar, bħal kaċċa illegali, qbid aċċidentali mis-sajjieda flimkien man-nuqqas ta` siti marittimi ikklassifikati għall-protezzjoni tagħhom kien qed jaffettwa s-sopravivenza tal-adulti `l hinn mill-kolonja.

Tul l-erba` snin ta` implimentazzjoni (2006-2010), il-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija iċċentra fuq ħidma ta` konservazzjoni biex jelimina dan it-theddid, fuq riċerka xjentifika li tikxef aspetti mhux magħrufa dwar iċ-ċiklu tal-ħajja tal-Garnija, u fuq kampanja ta` informazzjoni biex jiżdied l-għarfien dwar l-għasfur.

## …fuq l-art…

Sa l-ewwel xhur tal-2007, kienet tneħħiet it-theddida tal-firien bis-saħħa ta` programm professjonali li qeridhom mill-inħawi u li wkoll ħa ħsieb il-problemi tar-rimi ta` skart li kien qed jgħajjex il-firien. It-tindif għen biex tinstab tarf il-problema, bħalma għenet ukoll kampanja edukattiva dwar l-ikkampjar bil-għan li ssir promozzjoni tal-kodiċi ta` mġieba għal min iżur il-post.

Waqt iż-żmien tal-bejta, flimkien ma` pjanijiet li kkontrollaw l-aċċess ta` vetturi lejn l-irdum u begħduhom minn żoni sensittivi, il-proġett għen ukoll biex jitnaqqas dawl u storbju viċin il-kolonja. Ġew ikkonsultati bosta awtoritajiet governattivi u persuni b'interessi fl-inħawi li ngħataw rapport li juri kif it-tniġġis tad-dawl jista` jitnaqqas mill-iżvilupp mal-kosta.

Tħejja wkoll Pjan ta` Tmexxija għal dan is-sit ta` importanza Ewropeja li juri xi sforzi għandhom isiru biex fil-futur jibqa` għaddej il-monitoraġġ u l-konservazzjoni tal-kolonja tal-Garnija, u ta` speċi oħra u ambjenti naturali li flimkien jagħmlu l-iRdum tal-Madonna sit ta` importanza internazzjonali.

## …fuq il-baħar…

Il-proġett ittratta wkoll it-theddid li jiffaċċja l-Garni fuq il-baħar. Ir-rondi mill-Forzi Armati ta` Malta naqqsu l-kaċċa illegali, filwaqt li Avviż lill-Baħħara rregola storbju u dawl minn dgħajjes qrib il-kolonja.Bl-għajnuna tas-sajjieda, l-proġett studja wkoll l-impatt li għandu s-sajd bil-konz fuq il-Garnija, sabiex jiġu implimentati metodi oħra li jiskansaw il-qbid aċċidentali tal-Garni.

L-użu tat-teknoloġija wassal biex jinkixfu r-rotot li l-għasfur juża biex ipassi, kif ukoll drawwiet fl-imġiba tar-rafting, it-tiftix tal-ikel u meta tbejjet. Għall-ewwel darba, ġew ittrekkjati r-rotot tal-passa tal-Garnija lejn il-Lvant tal-Ewropa, u ntweriet l-importanza tal-Baħar Eġew u l-Baħar l-Iswed li huma postijiet fejn din l-ispeċi tqatta` x-xitwa.

Instabu wkoll inħawi 'l barra mill-kosta Maltija fejn l-iktar li jsibu l-ikel il-Garni, billi għasafar bil-bejta ġew ittrekkjati mill-bejta tagħhom sal-post fejn imorru biex isibu x'jitimgħu lill-frieħ. Il-ġbir tal-informazzjoni minn stħarriġ li sar fuq il-baħar għen ukoll biex jinstabu dawn is-siti u jiġu ppjantati fuq mappa s-siti fejn jiffurmaw ir-rafts (qtajjiet ta` għasafar f`wiċċ l-ilma fejn joqogħdu għal sigħat sħaħ jistennew li jaqa` d-dlam biex imbagħad jidħlu fil-kolonji tagħhom).

## …u għall-ġejjieni.

Hu ferm meħtieġ li r-riċerka u l-ħidma ta` konservazzjoni ma tiqafx, sabiex fil-futur l-iRdum tal-Madonna jibqa` post tal-kenn għall-Garnija. Il-proġett hu vetrina li juri kif sħubija bejn il-gvern u għaqdiet ambjentali rnexxielha tipproteġi wieħed mill-għasafar tal-baħar l-aktar mhedda f'Malta.

Il-proġett kien appoġġjat b'fondi mit-Taqsima LIFE tal-UE u għajnuna oħra finanzjarja mill-MEPA u l-HSBC. Il-proġett, immexxi minn BirdLife Malta, hu obbligat ukoll għall-parteċipazzjoni u l-impenn muri mill-imsieħba tiegħu: il-Forzi Armati ta` Malta, Heritage Malta, il-Capture Fisheries Branch fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali (li qabel kienet il-Malta Centre for Fisheries Sciences), Transport Malta (li qabel kienet il-Malta Maritime Authority), ir-Royal Society for the Protection of Birds (BirdLife fl-Ingilterra), u s-Sociedade Portuguesa para o Estudo das Aves (BirdLife fil-Portugal).

L-1 taqsima

# L-għasfur

## Il-Garnija (*Puffinus yelkouan*)

**10%**

Naħsbu li f'Malta jbejtu bejn 1,660 u 1,980 par, iġifieri madwar 10% tal-popolazzjoni globali ta` dan l-għasfur

# Il-Garnija

Il-Garnija hi membru tal-Procellariidae, grupp ta` għasafar tal-baħar li tant għandu kwalitajiet differenti illi fih jinstabu varjeta` sħiħa ta` speċi, minn dawk kbar bħall-albatross sa oħrajn ċkejknin bħall-Kanġu. Madankollu hemm fattizz wieħed li għandhom kollha kemm huma: l-imnifsejn għamla ta` tubu fin-naħa ta` fuq tal-munqar li minnhom ineħħu l-melħ. Dan jippermettilhom li jibqgħu fuq il-baħar għal żmien twil mingħajr il-ħtieġa li jixorbu ilma ħelu. Ħdejn speċi oħra ta` ċief u garni, il-Garnija hi tajra tal-baħar pjuttost żgħira u biex taqbad il-ħut kapaċi togħdos sa 30 metru fond. Il-kolonji ewlenin fejn tbejjet huma miġburin fiċ-ċentru u l-Lvant tal-Mediterran, minn Korsika u Sardinja għaċ-ċentru tal-Mediterran, l-Adrijatiku u l-Eġew.

## Fejn jinstabu il-kolonji tal-Garni fil-Baħar Mediterran




# Dwar il-Garnija



### Distribuzzjoni
Endemika għall-baċir tal-Mediterran, b'popolazzjonijiet li jbejtu f'Malta, Spanja, Franza, l-Italja, il-Greċja, il-Bulgarija, l-Albanija, il-Kroazja, it-Turkija u l-Alġerija.

### Popolazzjoni globali
10,815 - 53,574 par

### Popolazzjoni Maltija
1,660 - 1,980 par

### Tul
30-35ċm

### Fetħa tal-ġwienaħ
70-84ċm

### L-Għajta
Għajta waħda (kultant sa tlieta wara xulxin) miġbuda 'l ġewwa, qisha nifs – *Aaah-ha Aaah-ha*. L-għajjat jista` jintuża biex jintgħarfu l-irġiel u n-nisa minn xulxin. L-għajta tal-mara hi eħxen minn tar-raġel.

### Riproduzzjoni
Tbid bajda waħda fi xquq fondi f'irdumijiet li ġeneralment ma jintlaħqux mill-bniedem. Kull par ikollu ferħ wieħed fis-sena.

### Ħajja
Tgħix sa 25 sena.
Issir adult ta` sentejn jew tlieta.

### L-Ikel
Ħut żgħir u klamari sa 30m fond.

### L-Istat fil-Mediterran
Qed tonqos

### Klassifikazzjoni tal-IUCN
Kważi Mhedda

### Protezzjoni f'Malta
Anness 1 tad-Direttiva tal-Għasafar (2009/147/EC)

Avviż Legali 311 tal-2006.

Addattata minn *BirdLife International Species Factsheet*

Il-Garnija hi waħda mill-erba` tjur tal-baħar li jbejtu f'Malta. L-oħrajn huma ċ-Ċiefa *Calonectris diomedea*, il-Kanġu ta` Filfla *Hydrobates pelagicus melitensis* u l-Gawwija Prima *Larus michahellis*.

Naħsbu li f'Malta jbejtu bejn 1,660 u 1,980 par, iġifieri madwar 10% tal-popolazzjoni globali ta` dan l-għasfur. L-ikbar kolonja, li hu stmat li hemm minn 398 sa 602 pari jbejtu fiha, qiegħda fl-iRdum tal-Madonna, il-post li fuqu ċċentra l-Proġett Garnija. Il-Garnija tbejjet f'toqob fondi fi xquq fl-irdumijiet tal-Punent, il-Lbiċ u l-Grigal ta` Malta, kif ukoll f'Kemmuna, Kemmunett u Għawdex. Hija tersaq lejn l-art matul il-lejl sabiex ma tikxifx fejn ikollha l-bejta minħabba l-predaturi, u tqatta` l-jum 'il barra fuq il-baħar tfittex l-ikel.

## Mappa tal-Gżejjer Maltin li turi fejn u kemm pari ibejtu f' Malta, Għawdex u Kemmuna




Adattata minn *Malta Breeding Bird Atlas 2008 (Raine, Sultana u Gillings, 2009)*

# Iċ-Ċiklu tal-Ħajja

## Ottubru – nofs Jannar
### Il-wasla lura



Il-Garni jibda jasal lura fil-kolonji f'daż-żmien u l-proġett stabbilixxa li l-adulti jibdew iħejju l-post fejn ibejtu sa mis-16 ta` Ottubru. Ġeneralment jiġu lura fl-istess inħawi fejn kienu faqqsu. F'dil-ħabta l-għasafar ġieli jinstabu fil-bejta matul il-jum. L-ewwel titjir tan-namra jsir f'dan iż-żmien u l-għasafar isaħħu l-għaqda tal-par jew isibu sħab ġodda.

## Jannar – Frar
### In-namra u t-tgħammir



L-iRdum tal-Madonna jieħu l-ħajja bil-lejl bl-għajjat tal-irġiel u n-nisa biex jiġbdu lil xulxin. Bl-użu ta` kameras fil-bejtiet, il-proġett irrekordja l-ewwel filmati li nafu li saru tat-tgħammir tal-Garni f'dan il-perjodu (ara s-sit www. lifeshearwaterproject.org.mt/mt/video). Bħalissa l-għasafar il-ġodda jibdew jikkompetu ma` għasafar ikbar minnhom għall-postijiet fejn ibejtu u l-għasafar il-kbar jibdew iżuru l-bejta kważi kuljum biex iżommuha ikkapparrata. Il-proġett wera li xi għasafar ġodda jżuru l-kolonja fejn kienu faqqsu sena wara li jkunu tajru. Din mhix ħaġa li soltu ssir, għax il-biċċa l-kbira tal-ispeċi taċ-ċief u l-garni ma jerġgħux lura lejn il-kolonji tagħhom qabel ma jkollhom tal-anqas sentejn.

## Marzu – April
### Il-bajda u l-inkubazzjoni



Il-Garnija tbid bajda waħda, ġeneralment f'xi xaqq fond u dejjaq, u ż-żewġ ġenituri jagħtu sehemhom fl-inkubazzjoni. Il-programm għall-qerda tal-firien imwettaq mill-proġett żied bil-kbir is-suċċess ta`din il-fażi taċ-ċiklu tal-ħajja fl-iRdum tal-Madonna. Ir-riċerka wriet li ħafna toqob ikunu jinfdu ma` xulxin, b'bosta għasafar jidħlu mill-istess fetħa.

## Awwissu – Ottubru
### Il-passa



Sa Awwissu, il-kolonji jkunu abbandunati għaliex il-kbar u l-frieħ ikunu passew lil hinn mill-ibħra Maltin. Ara paġna 24 biex tara fejn imorru.

## Ġunju – Lulju
### It-trobbija u l-ewwel titjira



Il-proġett irnexxielu jiġbed filmati uniċi tal-fażi tat-trobbija tal-ferħ (ara www. lifeshearwaterproject.org.mt/mt/video). Ferħ tal-Garnija jieħu madwar għaxar ġimgħat biex itella` r-rix kollu u jibda jixref 'il barra mit-toqba matul il-lejl ħalli jħaddem il-ġwienaħ. Ftit tal-ġimgħat wara, il-ġenituri ma jibqgħux jiġu biex iżoqqu l-ferħ, sakemm fl-aħħar ikollu jieħu l-ewwel titjira u jitlaq mill-kolonja.

## Mejju – Ġunju
### It-tifqis u t-trobbija



Il-ferħ waħdieni jfaqqas u l-ġenituri jieħdu ħsieb iżoqquh. Bis-saħħa ta` teknoloġija moderna u avvanzata, il-proġett wera li l-adulti jivjaġġaw sa 285km 'l bogħod biex isibu ikel biżżejjed ħalli jitimgħu l-ferħ. L-ikla tkun magħmula minn xi 60g ta` ħut żgħir li l-għasfur jaqbad billi jogħdos taħt l-ilma.

It-2 taqsima

# Is-sit

## L-iRdum tal-Madonna, il-Mellieħa





**Fl-isfar: Iż-żona protetta tal-iRdum tal-Madonna hija sit ta' Natura 2000**



# L-iRdum tal-Madonna, il-Mellieħa

L-iRdum tal-Madonna qiegħed fil-kosta tal-Grigal ta` Malta. Il-blat dejjem jitfarrak tal-irdumijiet, il-firxiet tax-xagħri u l-irqajja tal-imsaġar huma l-karatteristika tal-post. Il-proġett jistma li f'parti mill-iRdum tal-Madonna li fiha inqas minn kilometru tul hemm ibejtu bejn 398 u 602 pari ta` Garni.

L-importanza tas-sit tal-proġett intgħarfet f'livell Ewropew u hi mħarsa bħala Żona ta` Protezzjoni Speċjali (ŻPS), minħabba l-importanza li għandha għall-għasafar, fosthom għall-Garnija. Hi wkoll sit kandidat għal Żona Speċjali ta` Konservazzjoni (ŻSK) ta' importanza internazzjonali, minħabba ambjenti naturali ta` importanza Ewropea li fihom jinstabu pjanti rari ħafna jew endemiċi.

**Is-siti ta' Natura 2000 għandom l-għan li jħarsu speċi u ambjenti mhedda, permezz ta' netwerk ta' siti protetti fit-territorju tal-UE.**

# Ambjenti Naturali u Pjanti





## L-għaram tar-ramel fil-Bajja tat-Torri l-Abjad

Fi xtajta ramlija ċkejkna bejn il-kosta u l-kmamar tal-Bajja tat-Torri l-Abjad, għadu jinstab fdal ta` għaram tar-ramel, li f'Malta xi darba kien ambjent wisq iktar mifrux. Il-Budebbus tar-Ramel *Orobanche densiflora f. melitensis*, pjanta parassita rari ħafna, tinstab hawn u fi ftit lokalitajiet oħra f'Malta. Hemm xi speċi oħra ta` pjanti, ħanfus u żnażan li nstabu biss f'dan il-post.



## Il-masġar

Il-masġar, li fih jikbru l-aktar l-Akaċja *Acacia* spp. u ż-Żnuber *Pinus halepensis*, qiegħed fuq medda art li darba kienet parti mix-xagħri. Jekk wieħed jieħu ħsiebu kif suppost, il-masġar jaf jiġbed lejh għasafar bħall-gamiem u tal-għana sabiex ibejtu.



## Is-sisien u l-irdumijiet

Is-sisien huma mimlijin xquq u għerien, filwaqt li taħthom hemm kwantita` kbira ta` blat imfarrak. Dawn kollha joffru postijiet tajbin fejn il-Garni jrabbi l-frieħ. Ix-Xebb *Darniella melitensis* u l-Bruka *Tamarix africana* jikbru hawnhekk, peress li jifilħu sew għar-raxx mielaħ tal-baħar. Il-Pankrazju *Pancratium maritimum* jikber imxerred fi rqajja fejn jinġabar ir-ramel.



## Ix-xagħri

Dan l-ambjent kollu blat jinfirex fuq biċċa sew mis-sit ta` Natura 2000 u minkejja d-dehra għerja tiegħu, hu ambjent li jsaħħrek bil-varjeta` pjanti li jikbru fih. Hawnhekk tinstab l-unika popolazzjoni Maltija ta` tip ta` Sogħda *Schoenus nigricans*. Pjanta oħra endemika li tikber hawnhekk hi l-Orkida Piramidali ta` Malta *Anacamptis urvilleana* li twarrad minn Frar sa April.

# Għasafar u annimali oħra



## Il-Merill

Il-Merill *Monticola solitarius*, l-għasfur nazzjonali ta`Malta, hu speċi oħra li jbejjet fi xquq tul l-iRdum tal-Madonna.



## L-isriep

Żewġt isriep, il-Qattus *Telescopus fallax* u l-Lifgħa *Elaphe situla* jixirfu bil-lejl fl-iRdum tal-Madonna biex jaqbdu xi priża żgħira. Il-Qattus hu serp rari f'Malta.



## Il-Bilbla

Il-Bilbla *Calandrella brachydactyla*, li hi Speċi fi Stat ta`Konservazzjoni Inkwetanti fl-Ewropa, tpassi lejn Malta u tbejjet fuq art xagħrija qrib l-irdum.



## Iċ-Ċiefa

Fl-iRdum tal-Madonna tbejjet ukoll iċ-Ċiefa *Calonectris diomedea*, għalkemm f'numri iżgħar mill-Garnija. Hija tbejjet fi xquq fis-sisien bejn Mejju u Ottubru, ftit wara l-Garnija.



## Il-Kanġu ta`Filfla

Bis-saħħa tal-proġett instab li l-Kanġu ta`Filfla *Hydrobates pelagicus melitensis* jżur is-sisien matul il-lejl fi żmien il-bejta. Sa llum, il-Kanġu jbejjet biss f'Filfla u f'lokalita`waħdanija f'Għawdex. Hu ttamat li bi tmexxija tajba tas-sit, il-Kanġu jkun jista`jbejjet ukoll fl-iRdum tal-Madonna.



## Il-Grillu tar-Ramel

Il-Grillu tar-Ramel *Brachytrupes megacephalus* jinstab f'tal-anqas tlett inħawi differenti fis-sit ta`Natura 2000. Dan il-werżieq hu meqjus bħala speċi mhedda f'Malta. Matul il-jum, jistaħba fil-kenn tal-ħofra li jħaffer fil-fond fir-ramel u l-ħamrija.

**Hemm mill-anqas sitt speċi ta`Friefet il-Lejl li nstabu fl-iRdum tal-Madonna, fejn jistkennu fl-għerien u x-xquq. Il-Farfett il-Lejl Widnet il-Ġurdien *Myotis punicus* hu wieħed minn dawn l-ispeċi. F'Malta qed jonqos u f'livell internazzjonali hu meqjus li hu "Kważi Mhedded".**



## Il-Bufula Ħamra

Il-Bufula Ħamra *Sylvia conspicillata* tibni l-bejta f'arbuxxelli baxxi matul l-irdum u fil-beraħ tax-xagħri. F'Malta, f'dawn l-aħħar għexieren ta`snin din l-ispeċi naqsulha sew l-inħawi fejn soltu kienet tbejjet u għalhekk l-iRdum tal-Madonna hu importanti ferm għaliha.

It-3 taqsima

# It-theddid

## Lejn soluzzjoni għall-problemi

"Deher ċar li xi ħaġa riedet issir malajr kemm jista`jkun fl-iRdum tal-Madonna biex l-iktar kolonja importanti ta`dan l-għasfur tiġi protetta"

# Lejn soluzzjoni għall-problemi



In-numru tal-Garnija fil-Mediterran qiegħed dejjem jonqos, tant li fil-Lista l-Ħamra tal-IUCN tal-2008 ittellgħet fil-livell ta` "Kważi Mhedda" u qiegħda fl-Anness numru 1 tad-Direttiva tal-Għasafar. Il-qagħda f'Malta tirrifletti din it-tendenza globali –f'dawn l-aħħar 25 sena bosta kolonji ċkienu fid-daqs jew ġew abbandunati. Il-kolonja fl-iRdum tal-Madonna, li nstabet fl-1969 u li ilha tiġi monitorata sa minn dik is-sena, kienet qiegħda tonqos b'rata allarmanti. Inqas adulti minn qabel kienu qegħdin ibejtu u jrabbu l-frieħ fil-kolonji tagħhom, postijiet tajbin biex ibejtu fihom kienu qegħdin jiġu ddisturbati jew meqruda, u n-numru ta`frieħ li jtajru kien qiegħed jonqos ukoll. Deher ċar li xi ħaġa riedet issir malajr kemm jista`jkun fl-iRdum tal-Madonna biex l-iktar kolonja importanti ta`dan l-għasfur tiġi protetta, billi tinstab soluzzjoni għat-theddid l-iktar gravi:



## Dgħajjes, jottijiet u vapuri

Il-kosta sabiħa tul l-iRdum tal-Madonna tiġbed lejha għadd ta`dgħajjes u jottijiet, u b'mod partikulari l-*boat parties* fi triqithom lejn Għawdex u Kemmuna. Il-ħsejjes u d-dwal qawwija matul il-lejl u qrib l-irdumijiet kienu qed igerrxu l-Garni fil-ħin li jkunu sejrin lura lejn il-bejtiet tagħhom fis-satra tal-lejl.

Transport Malta ħarġet Avviż għall-Baħħara biex id-dgħajjes ma jitħallewx jieqfu u jużaw volum għoli ta`mużika u dawl qawwi fiż-żona ta`lqugħ faċċata tal-irdumijiet fi żmien il-bejta. L-Avviż għall-Baħħara naqqas b'mod konsiderevoli t-tniġġis mid-dawl u l-istorbju li kien qed itellef l-għasafar bil-bejta u se jibqa` jiġi infurzat anke wara li l-proġett jintemm.

## Priża għall-Firien

Il-firien huma fost l-iktar predaturi mistkerrha mill-għasafar tal-baħar, u huma waħda mill-kawżi ewlenin li wasslu għall-qerda ta`kolonji sħaħ tal-għasafar tal-baħar madwar id-dinja. Il-popolazzjoni tal-firien fl-iRdum tal-Madonna li kienet qegħda tgħix fuq l-iskart li jitħalla fil-post, kienet telgħet f'livell kritiku. Sa ma beda l-proġett, il-firien kienu qegħdin jieklu kull bajda u ferħ li jsibu u ftit kienu l-frieħ li jirnexxielhom itajru. Il-Garni kien għadu jbejjet biss f'dawk l-inħawi l-inqas milħuqa mill-firien.

Fl-2006 beda programm professjonali għall-qerda tal-firien billi tpoġġew kwantita`ta`kaxxi bil-velenu f'postijiet strateġiċi qrib il-kolonji. Dan kien wieħed mill-iktar kisbiet sinifikanti fis-sit tal-proġett għaliex mill-ewwel sena tal-progamm (2007) sa llum, ma kienx hemm iktar rekords ta`frieħ jew bajd mittiekel mill-firien.

### Numru ta' bajd imkisser u frieħ maqtula kaġun tal-firien fl-iRdum tal-Madonna kull sena





## L-ikkampjar u attivitajiet rikreattivi oħra

Is-sit hu post popolari għall-ikkampjar, pikniks u BBQs. Minħabba li ma kienx hemm regoli jew kontroll, l-ikkampjar kien qed isir ma` kullimkien u jiddisturba direttament bit-tniġġis tad-dawl u l-istorbju. L-ikkampjar kien qed iħalli warajh kwantita` ta` ikel mormi u skart li kull ma jmur kien qiegħed jinġema`, ħaġa li wasslet għal żieda kbira fl-ammont ta` firien fil-post.

Ġie propost li jsir sit għall-ikkampjar fl-Aħrax, bil-faċilitajiet meħtieġa, immexxi kif suppost u li jkollu kodiċi ta` mġiba sabiex jonqos id-disturb lill-Garni. Il-proġett qiegħed iħeġġeġ lill-gvern biex iwettaq din il-proposta. Il-proġett żviluppa wkoll Pjan ta` Tmexxija għas-sit li fih abozz tal-ħidma meħtieġa sabiex l-ambjenti naturali, il-flora u l-fawna ta` dan is-sit ta` Natura 2000 jitħarsu. Il-Pjan ta` Tmexxija għandu jiżgura li x-xogħol ta` konservazzjoni u attivitajiet rikreattivi jibqgħu jsiru fl-iRdum tal-Madonna b'mod sostenibbli.



## L-iżvilupp

Il-kolonja tal-Garni kienet qiegħda tbati wkoll minn sorsi oħra ta` tniġġis mid-dawl u l-istorbju, li kienu ġejjin mill-iżvilupp urban bla rażan, bħal kumplessi ta` lukandi u t-twessiegħ ta` ċentri urbani. Il-frieħ tal-Garni faċilment jinġibdu lejn id-dawl qawwi meta jtajru, u b'hekk jinqabdu fuq l-art. Ta` kull sena, BirdLife Malta tirċievi numru ta` frieħ taċ-Ċief u tal-Garni minn madwar Malta u Għawdex. Jekk jibqgħu ma jinstabux u ma jitħarrbux mill-kosta, dawn l-għasafar jispiċċaw biex imutu.

Il-proġett ħareġ rapport dwar it-tniġġis mid-dawl u l-impatt tiegħu fuq l-għasafar tal-baħar, u ssuġġerixxa metodi ċari u sempliċi li permezz tagħhom jitnaqqsu l-ispejjeż filwaqt li jitrażżan u jitnaqqas dan it-tniġġis matul il-kosta. Saru għadd ta` laqgħat ma` persuni b'interessi fl-inħawi sabiex jitnaqqas it-tniġġis mid-dawl minn żvilupp li diġa` sar jew li hu propost qrib il-kolonja.



## Qbid aċċidentali mis-sajjieda

Fuq livell globali, instab li l-qbid aċċidentali mis-sajd hu wieħed mill-kawżi ewlenin ta` mwiet tal-għasafar tal-baħar. F'Malta, iċ-Ċief u l-Garni spiss jintlemħu jħufu wara d-dgħajjes tas-sajd sabiex jakkwistaw l-ikel mingħajr taħbit. Dan jista` jwassal sabiex l-għasafar jinqabdu aċċidentalment mas-snanar, u jispiċċaw mgħarrqin. Ma kienx hemm tagħrif biżżejjed dwar kif dan il-qbid kien qed jolqot il-popolazzjoni tal-Garni.

Il-Fergħa tal-Capture Fisheries fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali (MRRA) ħadmet mill-qrib ma` sajjieda Maltin biex jinstab jekk il-qbid aċċidentali hux problema serja għall-Garni. L-informazzjoni li nġabret mis-sajjieda wriet li mhix ħaġa li tiġri spiss li l-Garni jinqabad bil-konzijiet, għalkemm iċ-Ċief hu aktar suxxettibli li jinqabad aċċidentalment. Dawn ir-riżultati għenu biex juru biċ-ċar x'miżuri jeħtieġ jittieħdu sabiex tittaffa l-problema u hekk fil-ġejjieni l-għasafar ma jibqgħux ikunu vittmi ta` qbid aċċidentali.




## Nuqqas ta` għarfien

Ftit nies kienu jafu bl-importanza tas-sit qabel ma beda l-proġett, u numru inqas kienu jafu li fis-sit hemm l-ikbar kolonja tal-Garnija f'Malta. Il-proġett nieda kampanja ta` informazzjoni intensiva li kienet tinkludi artikli fl-istampa, vidjows, intervisti fuq it-televixin, sit elettroniku (www.lifeshearwaterproject.org.mt), posters, tabelli b'informazzjoni u laqgħat wiċċ imb'wiċċ. Dawk li b'mod jew ieħor jużaw il-post ingħataw ittri informattivi biex iżommuhom aġġornati fuq ġrajjiet u tibdiliet fis-sit, filwaqt li l-gwardjan dawwar u ggwida viżitaturi mal-post.

Il-proġett għen biex jirdoppja l-għarfien fuq il-Garnija minn 27% fl-2007 għal 50% fl-2010.



## Rimi ta`Skart

Ir-rimi ta`materjal minn fuq l-iRdum tal-Madonna naqqas l-ammont ta`postijiet tajbin għall-bejta għax kien qiegħed jimblokka l-aċċess tal-bejtiet u jniġġes l-inħawi. Ir-rimi ta`materjal u skart ġie kkontrollat fis-sit billi l-aċċess għall-vetturi qrib l-irdum ġie limitat u saru attivitajiet ta`tindif minn voluntiera lokali.

## Ammonti ta' għasafar adulti maqtula llegalment mill-iRdum tal-Madonna kull sena




## Il-Kaċċa Illegali

F'Malta, il-kaċċa illegali hi problema serja u mferrxa ħafna, u speċi protetti jinqatlu kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar. Dawk li jiksru l-liġi tal-kaċċa spiss jisparaw "għall-gost" fuq qtajjiet ta`ċief u garni fi x'ħin ikunu qegħdin fl-ilma, u anke ntlemħu jixħtu dawl qawwi fuq l-għasafar minn fuq l-irdumijiet bil-lejl. L-għasafar ġieli anke jittieħdu mill-bejtiet tagħhom biex jinqatlu u jiġu bbalzmati għal kollezzjonijiet privati.

Il-Forzi Armati ta`Malta qegħdin iwettqu rondi regolari qrib il-kolonji u fuq il-baħar biex jiskoraġġixxu l-kaċċa illegali taċ-Ċief u l-Garni. Mill-2007 'l hawn, l-ebda Garnija ma ġiet ikkaċċjata illegalment fuq l-art fl-inħawi tal-iRdum tal-Madonna. Il-preżenza tal-gwardjan u t-tim ta`riċerkaturi tal-proġett ġab fix-xejn in-numru ta`għasafar li ttieħdu jew inqatlu min-nies minn meta beda l-proġett. Minkejja dan, il-kaċċa llegali ta' għasafar fuq il-baħar għada problema serja.

## Ammonti ta' għasafar adulti u frieħ maqtula kaġun tan-nemes mill-iRdum tal-Madonna kull sena




## Il-Kaċċa bin-Nemes

Il-kaċċaturi tal-fenek ġieli wżaw in-nemes sabiex jaqbdu l-fniek slavaġ mill-inħawi tal-iRdum tal-Madonna. Sfortunatament, l-inmsa kienu qegħdin ukoll jidħlu fil-bejtiet tal-Garni u joqtlu kemm l-adulti kif ukoll il-frieħ.

Ġie mpjegat gwardjan biex idur il-post u jiskoraġġixxi attivitajiet illegali waqt li t-tim tal-proġett żied iż-żjarat fl-inħawi tal-bejtiet. It-tnejn flimkien għenu biex tieqaf il-kaċċa illegali bin-nemes fl-iRdum tal-Madonna. Hekk, sa mill-2007 il-qtil tal-għasafar bil-bejta waqaf kompletament.

Ir-4 taqsima

# Ir-riċerka

## It-teknoloġija tat-trekking u l-monitoraġġ

“

**Kien meħtieġ li jkun hemm informazzjoni dwar fejn il-Garni jfittxu l-ikel u jirraftjaw, u fejn ipassu l-frieħ u l-adulti wara li jintemm l-istaġun tal-bejta**

”



# It-teknoloġija tat-trekking u l-monitoraġġ

Għalkemm il-Garnija ilha tiġi studjata għal għexieren ta`snin, ftit li xejn sar magħruf dwar l-imġieba tagħha fuq il-baħar, fejn dan l-għasfur iqatta`l-biċċa l-kbira ta`ħajtu. Sabiex il-Garni jitħarsu b'mod effettiv, kien meħtieġ li jkun hemm informazzjoni dwar fejn il-Garni jfittxu l-ikel u jirraftjaw (jinżlu jistrieħu fil-baħar qabel ma jidħlu fil-kolonji), u fejn ipassu l-frieħ u l-adulti wara li jintemm l-istaġun tal-bejta.

Sabiex dan il-vojt jibda` jimtela, intużaw tliet metodoloġiji ewlenin: Osservazzjonijiet minn fuq il-Baħar u minn fuq l-Art, u Trekking permezz ta' teknoloġija moderna. Il-proġett kompla jwessa` l-monitoraġġ li sar fis-snin l-imgħoddija.



## Osservazzjonijiet minn fuq il-Baħar

Bl-użu tal-metodoloġija ESAS (European Seabirds at Sea), saru osservazzjonijiet għal sentejn sħaħ minn fuq il-baħar, biex inħolqot mappa tad-distribuzzjoni tal-Garni kif ukoll taċ-Ċief, tal-Kanġi ta`Filfla u speċi oħra ta`għasafar, baleni, dniefel u fkieren tal-baħar. Kull xahar sar tbaħħir f'sett ta`linji trasversali madwar il-gżejjer sa sitt mili nawtiċi 'l barra mill-art.



## Osservazzjonijiet mill-Art

Saru osservazzjonijiet mill-istess postijiet fuq l-art u nġabret varjeta` ta` informazzjoni minn voluntiera ta`BirdLife Malta dwar rotot li jsegwu l-Garni qrib il-kosta. Dawn ir-rekords kienu utli ferm sabiex tinftiehem aħjar l-imġieba tar-rafting.

# Telemetrija

Għadd ta`apparat differenti għat-trekking intuża bi prova fuq il-Garni fi żmien il-bejta u waqt il-passa. Dawn kienu:



## 1. Data loggers

Għall-ewwel darba fid-dinja, numru ta`Garni adulti ġew ittrekkjati permezz ta`data loggers biex jinstabu postijiet importanti fejn l-għasafar ifittxu l-ikel jew jirraftjaw. Tul il-proġett, twaħħlu 45 minn dan l-apparat.



## 2. Satellite tags

Dan l-apparat teknoloġikament avvanzat twaħħal mal-frieħ li kienu se jħallu l-bejta għall-ewwel darba, biex jinstab liema rotot jaqbdu fl-ewwel passa tagħhom. 10 satellite tags twaħħlu mal-għasafar tul il-proġett.



## 3. Geolocators

Għall-ewwel darba wkoll, dan l-apparat ċkejken li jiżen biss żewġ grammi u nofs, twaħħal ma` sieq għasafar adulti fi tmiem l-istaġun tal-bejta, u reġa` nġabar sena wara. B'hekk instabu r-rotot tal-passa 'l bogħod minn Malta wara t-tmiem tal-istaġun tal-bejta. Waqt il-proġett intużaw 27 minn dan l-apparat.



# Monitoraġġ

Bis-saħħa ta`iktar tagħmir u persuni, setgħu jintlaħqu siti ġodda fl-iRdum tal-Madonna u jiġu studjati, biex hekk it-tim ta`riċerkaturi tal-proġett setgħu jimmonitoraw id-daqs tal-popolazzjoni u sa fejn tasal il-kolonja, kemm Garni kien qed jirnexxielu jbejjet b'suċċess u jekk kinux qed jgħixu biżżejjed frieħ sa ma jtajru fi tmiem kull staġun tal-bejta. Ix-xogħol ta`monitoraġġ kompla jwessa` l-programm ta`studju biċ-ċrieket mibdi snin qabel. Bis-saħħa ta`dan l-istudju, ir-riċerkaturi setgħu jsegwu l-wasla lura tal-frieħ lejn il-kolonja minn fejn kienu tajru, u jsegwu l-iżvilupp fid-daqs ta`Garni individwali permezz ta' nformazzjoni xjentifika dwar id-daqs tal-munqar, it-tul tal-ġewnaħ u l-piż.

Il-5 taqsima

# Ir-riżultati

## Niskopru l-ħajja tal-Garnija

“Il-proġett irnexxielu jiġbor biżżejjed informazzjoni sabiex jiġu identifikati ftit miż-Żoni Importanti għall-Għasafar għall-Garni li jbejjet fl-iRdum tal-Madonna. Ġaladarba jiġu definiti, dawn isiru l-ewwel Żoni Marittimi ta` Protezzjoni Speċjali Maltin”

Ir-riżultati tar-riċerka tagħna għenitna niskopru għadd ta`fatti li kienu għadhom moħbija dwar il-ħajja tal-Garnija fl-iRdum tal-Madonna:

## Fejn kien qiegħed jfittex l-ikel il-Garni matul il-jum?

Mix-xogħol ta`trekking li għamilna bid-data loggers, stajna nsibu bi preċiżjoni kbira fejn il-Garni tal-iRdum tal-Madonna jmur ifittex l-ikel. Sibna li l-għasafar ifittxu l-ikel f'firxa wiesa`, b'ċerti nħawi ffrekwentati sew. Dawn jinkludu medda baħar li testendi sa 285km 'l bogħod mill-art lejn ix-Xlokk, meded oħrajn eqreb lejn l-art u nħawi oħra fit-tramuntana lejn il-kosta ta`Sqallija.

## Fejn jinġabar il-Garni meta jirraftja qabel ma jidħol lura fil-kolonja?

Id-data loggers urew li teżisti medda baħar sa seba' kilometri bogħod mill-iRdum tal-Madonna li hi importanti mmens għar-rafting. Il-Garni adult spiss iqatta`sigħat sħaħ wieqaf f'wiċċ l-ilma hawnhekk qabel ma jmur lura lejn il-bejtiet tiegħu. Din l-iskoperta għandha implikazzjonijiet importanti għall-konservazzjoni.

### Fejn instabu l-Garni fl-ibħra Maltin bejn il-perjodi Frar sa Mejju tal-2008 u l-2009 kif osservati minn fuq il-baħar



### Żoni fejn il-Garni ġew ittrekjati jieklu jew jirraftjaw f'ibħra viċin l-art skond 31 GPS data logger




### Iż-żoni kollha fejn il-Garni ġew ittrekjati jieklu jew jirraftjaw skond 31 GPS data logger



## Fejn marru l-adulti wara l-istaġun tal-bejta, bejn Lulju u Ottubru?

Informazzjoni ġdida, li ħarġet wara li ġew irkuprati l-geolocators, ikkonfermat għall-ewwel darba li l-għasafar adulti jqattgħu parti miż-żmien tagħhom lil hinn minn Malta fil-Baħar l-Iswed, fil-Baħar Eġew u fil-Baħar Adrijatiku, kif ukoll jersqu ta`spiss lejn il-kosta tal-Afrika ta`Fuq. Din l-informazzjoni turi biċ-ċar l-importanza ta`inizjattivi ta`konservazzjoni internazzjonali għall-Garnija, minflok azzjoni marbuta ma` pajjiż wieħed.

### Riżultat tat-trekking permezz ta' geolocator mgħammar fuq adult tal-Garni waqt żmien il-passa



## Fejn marru l-frieħ fl-ewwel mawriet tagħhom 'il bogħod mill-bejta fl-iRdum tal-Madonna?

Ftit wara li tajru, iż-żgħar ħallew l-ibħra Maltin, u ġibdu fil-Lvant tal-Mediterran. Numru żgħir minnhom imbagħad daru d-dawra tal-Lvant tal-Mediterran, u vvjaġġaw taħt ir-riħ ta`Ċipru filwaqt li baqgħu dejjem fil-Lvant tal-Baċir Mediterranju. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-frieħ telqu lejn il-Baħar Eġew, fejn qattgħu bosta xhur ifittxu l-ikel li jinstab bl-abbundanza lil hinn mill-kosta tal-Greċja u t-Turkija.

Il-proġett beda wkoll riċerka preliminarja dwar għasfur ieħor tal-baħar li jbejjet f'Malta – iċ-Ċiefa. Ċiefa mara li kienet qiegħda tbejjet f'kolonja qrib Għar Lapsi twaħħlilha data logger biex setgħet tiġi segwita tul vjaġġ ta`ħamest ijiem biex tfittex l-ikel. Tlett ifrieħ twaħħlilhom satellite tag kull wieħed fl-ewwel vjaġġ tagħhom wara li telqu l-bejta. Wieħed minn dawn l-għasafar, ġie segwit għall-ewwel darba fi vjaġġ li ħareġ mill-Mediterran u niżel mal-kosta tal-Afrika tal-Punent u wasal sas-Senegal, vjaġġ eċċezzjonali ta`'l fuq minn 4,500km.

### Il-mawra ta' ferħ tal-Garnija ftit wara li ħalla l-kolonja tal-iRdum tal-Madonna f'Ġunju tal-2009 permezz ta' satellite tag




## Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali

Is-sejba tal-inħawi fejn il-Garni jqatta`l-biċċa l-kbira ta`ħinu jfittex l-ikel u jirraftja hi meħtieġa ferm sabiex ikunu jistgħu jinħolqu Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali, li kull stat membru fl-Unjoni Ewropea hu obbligat li joħloq. L-istess bħaż-Żoni ta`Protezzjoni Speċjali fuq l-art li jħarsu l-kolonji ewlenin tal-Garnija, iż-Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali jiżguraw li meded importanti fl-ambjent marittimu, użati għat-tiftix tal-ikel u r-rafting, jiġu protetti u mmaneġġjati kif għandu jkun. Il-metodi wżati għall-ewwel darba fil-proġett biex l-għasafar jiġu ttrekjati fuq il-baħar, ħolqu mudell għar-riċerka fuq Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali f'Malta.

Barra minn hekk, Il-proġett irnexxielu jiġbor biżżejjed informazzjoni sabiex jiġu identifikati ftit miż-Żoni Importanti għall-Għasafar għall-Garni li jbejjet fl-iRdum tal-Madonna. Ġaladarba jiġu definiti, dawn isiru l-ewwel Żoni Marittimi ta` Protezzjoni Speċjali Maltin, u dan ikun l-ewwel pass sabiex Malta tkun issodisfat l-obbligi tagħha fl-UE. Madankollu għad jibqa` iktar xogħol x'isir kemm fuq il-Garnija kif ukoll fuq l-għasafar oħra tal-baħar li għandhom importanza speċjali. Fix-xhur li ġejjin, it-tim tal-Proġett se joħroġ rapport dwar iż-Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali.

Is-6 taqsima

# Il-kisbiet

## Niżguraw futur aħjar

“Il-proġett wettaq riċerka fuq il-Garnija ta`Malta li qatt ma kienet saret bħalha qabel fid-dinja, fejn varjeta`ta`apparat għat-trekking intuża għall-ewwel darba fuq din l-ispeċi”

## Niżguraw futur aħjar għall-Garnija f'Malta

Il-proġett irnexxielu jnaqqas in-numru ta`theddidiet li kienu qegħdin iwasslu għat-tnaqqis fin-numru tal-Garnija f'dawn l-aħħar snin, u b'hekk l-iRdum tal-Madonna jkun post aħjar biex ibejtu fih. Dan wassal biex iktar frieħ tal-Garni jtajru mill-kolonja. Madankollu, dan ix-xogħol jista`jibqa` jiġi sostnut biss bl-appoġġ finanzjarju u politiku mill-gvern wara tmiem il-proġett, speċjalment fejn tidħol il-qerda tal-firien u l-prevenzjoni ta`attivitajiet tal-bniedem li jagħmlu l-ħsara fil-post.

## Inpoġġu lil Malta fuq quddiem tal-konservazzjoni tal-għasafar tal-baħar

Il-proġett wettaq riċerka fuq il-Garnija ta`Malta li qatt ma kienet saret bħalha qabel fid-dinja, fejn varjeta`ta`apparat għat-trekking intuża għall-ewwel darba fuq din l-ispeċi. B'hekk Malta saħħet postha fil-qasam tar-riċerka fuq l-għasafar tal-baħar. Jenħtieġ li ssir iktar riċerka sabiex jitħarsu l-popolazzjonijiet tal-Garnija li għandhom importanza internazzjonali, kif ukoll taċ-Ċief u l-Kanġu ta`Filfla.

## Inwittu t-triq għall-ħolqien tal-ewwel Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali Maltin

Bħalissa, Malta għandha għaxar Żoni ta`Protezzjoni Speċjali kostali, li jipproteġu l-kolonji tal-għasafar tal-baħar. Minħabba l-obbligi li Malta għandha fl-Unjoni Ewropea, il-pass li jmiss huwa l-ħolqien ta`Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali, sabiex ikun assigurat li ż-żoni marittimi li minnhom jiddependu l-għasafar ikunu mħarsa wkoll. Il-proġett ġabar tagħrif biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiġu ddikjarati l-ewwel Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali. Biss, għad jonqos ħafna u ħafna xogħol li jrid jiġi iffinanzjat mill-gvern biex issir ir-riċerka u jiġu identifikati żoni importanti fuq il-baħar għal kolonji u speċi oħra. Il-proġett ipprepara rapport jiddeskrivi l-miżuri meħtieġa biex jiġu identifikati iktar Żoni Marittimi ta`Protezzjoni Speċjali f'Malta (mur paġna 30 għal aktar tagħrif).

## Nisħqu fuq il-ħtieġa li jsiru sforzi internazzjonali sabiex l-għasafar tal-baħar jiġu mħarsa

Wara li l-Garni ġie ttrekjat fil-vjaġġi tal-passa eċċezzjonali li jagħmel, ħareġ ċar li l-konservazzjoni tal-għasafar tal-baħar ma tistax tintrabat ma` fruntieri nazzjonali. Il-koperazzjoni ma` pajjiżi oħra Mediterranji bħall-Greċja u t-Turkija, hi kruċjali sabiex inkunu nistgħu nipproteġu partijiet mill-baħar li huma importanti għall-Garnija hi u tpassi. Jeħtieġ li jkun hemm iktar sforzi għar-riċerka internazzjonali sabiex jiġi żgurat li għasafar mhedda bħall-Garnija jkunu protetti f'kull fażi ta`ħajjithom.

## Nippreparaw sabiex jinkiseb Stat ta`Konservazzjoni Favorevoli għas-sit ta`Natura 2000

Il-proġett iffoka fuq il-kolonja fiż-ŻPS tal-iRdum tal-Madonna, li nistgħu nqisuha fortizza għall-bejtiet tal-Garni u wera kif is-sit jista`jiġi monitorat u protett għall-benefiċċju tal-għasafar. Ġie mħejji wkoll pjan ta`tmexxija ħalli s-sit jibqa` jitħares fil-ġejjieni. Għalkemm il-prospetti għall-ġejjieni tal-Garnija fl-iRdum tal-Madonna tjiebu (sakemm jitwettqu r-rakomandazzjonijiet), wieħed irid iżomm f'moħħu li din mhix l-unika kolonja importanti f'Malta għall-għasafar tal-baħar. Għalhekk, il-proġett għandu jservi ta`mudell sabiex jittieħdu l-aħjar azzjonijiet meta jsiru sforzi simili f'kolonji f'ŻPS oħra fil-gżejjer Maltin li qed jiffaċċjaw l-istess tip ta`theddid: il-predazzjoni mill-firien, l-iddisturbar, il-persekuzzjoni u t-tniġġis mid-dawl u l-istorbju.

## Ninkoraġġixxu sajd li ma jagħmilx ħsara

Matul il-proġett deher ċar li xi sajjieda li jistadu bil-konz b'metodi tradizzjonali, jieħdu ċerti passi sabiex jevitaw il-qbid taċ-Ċief u l-Garni. Hemm tekniki tajbin bħall-kalar bil-lejl, il-kalar mill-ġenb tad-dgħajsa, l-użu ta`iktar toqol biex il-konz jegħreq iktar malajr u li s-sajjied ma jarmix bl-addoċċ il-fdalijiet tal-ħut. Jekk dawn it-tekniki jinxterdu wkoll fl-Ewropa u jiġu addottati minn pajjiżi oħra, l-għasafar tal-baħar ikunu mħarsa aħjar.

## Proġett uniku ta`konservazzjoni... imma fadal ħafna x'isir

Bit-tlestija tal-proġett LIFE-Nature, Malta nediet il-ħidma għall-konservazzjoni ta`għasfur tal-baħar li hu mħares taħt l-ogħla livell tad-Direttiva tal-UE dwar l-għasafar. Madankollu hemm għasafar oħra tal-baħar kif ukoll għadd ta`speċi ta`flora u fawna li jeħtieġ issir xi ħaġa għalihom kemm jista`jkun malajr. Il-proġetti LIFE fi ħdan l-UE joffru iktar opportunitajiet għal ħidma simili f'siti oħra jew għal speċi oħra, u jgħinu lil Malta tissodisfa l-obbligi tagħha fejn jidħlu id-Direttivi tal-Għasafar u Ambjenti tal-Kummissjoni Ewropea.

## Sħubija bejn għaqdiet ta`konservazzjoni u governattivi

Il-proġett kien eżempju ċar ta`sħubija professjonali li rnexxiet bejn tliet organizzazzjonijiet ambjentali u erbat isħab governattivi. Esperti internazzjonali għaqqdu l-esperjenza tagħhom li ġabu minn barra ma` ħiliet lokali sabiex jagħtu spinta 'l-konservazzjoni tal-Garnija. L-entużjażmu u l-impenn tal-imsieħba tagħna wasslu għas-suċċess tal-proġett fl-oqsma tal-attivita`marittima, is-sajd, l-infurzar u r-riċerka, u l-bini tal-esperjenza meħtieġa għal opportunitajiet li jafu jinqalgħu fil-ġejjieni.

Is-7 taqsima

# Il-ġejjieni

## Il-pjan għat-tkomplija



# Kif se jitkompla x-xogħol tal-proġett?

Tħejja pjan għat-tkomplija (magħruf ukoll bħala l-pjan għall-After-LIFE) sabiex jiġi żgurat li l-Garni tal-iRdum tal-Madonna jkompli jiġi protett wara li jintemm il-proġett f'Ġunju 2010. Sabiex inkomplu nibnu fuq is-suċċess tal-proġett, hu meħtieġ li:

– Jiġi approvat il-Pjan ta` Tmexxija sabiex l-iRdum tal-Madonna jibqa` ċentru importanti għall-Garnija f'Malta, kif ukoll jagħti kenn lil flora u fawna oħra. Bit-tkomplija ta` xogħol ta`riċerka, insiru nafu x'tip ta` xogħol ta` konservazzjoni jkun meħtieġ li jsir għal speċi oħra. It-twaqqif ta` żoni immaneġġjati u l-infurzar mill-MEPA jiżgura li l-post ikompli jitgawda minn kulħadd b'mod sostenibbli u kkontrollat.

– Jissokta l-programm għall-qerda tal-firien sabiex tibqa' tiġi ikkontrollata din it-theddida u hekk il-Garni jkun jista` jtajjar il-frieħ b'suċċess fil-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

– Is-sit tal-proġett jinżamm nadif u mingħajr skart sabiex ma jiġbidx firien lejh.

– Transport Malta tkompli tinforza l-Avviż lill-Baħħara numru 2 tal-2010 sabiex tiżgura li d-disturb lill-Garnija minn faċċata tal-irdum jitnaqqas fi żmien il-bejta.

– Il-Forzi Armati ta` Malta jkomplu jwettqu rondi fl-inħawi tal-iRdum tal-Madonna u l-baħar madwar Malta sabiex jimpedixxu l-isparar illegali fuq il-Garni u speċi mħarsa oħra minn fuq il-baħar.

– L-ikkampjar, il-pikniks u attivitajiet oħra rikreattivi jkomplu jsiru b'mod sostenibbli billi dawn jiġu kkontrollati u mogħtija spazju 'l bogħod mis-sit tal-kolonja, biex hekk jonqos kemm jista` jkun id-disturb lill-Garnija.

– BirdLife Malta tkompli tagħmel monitoraġġ kull sena tal-kolonja tal-Garnija fl-iRdum tal-Madonna sabiex tassessja l-istat tal-kolonja u taċċerta li tinduna b'kull theddid ġdid li jinbet u tieħu ħsiebu.

– L-Awtorita` Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar (il-MEPA) tiddikjara Żoni Marittimi ta` Protezzjoni Speċjali dawk l-inħawi fil-baħar li t-tagħrif miġbur mill-proġett wera li huma kritiċi għall-Garnija. Hekk, jiġi żgurat li dawn l-inħawi importanti jiġu studjati sew u mmaniġġjati sabiex ikomplu joffru l-kundizzjonijiet ideali għall-Garnija.

– Il-Capture Fisheries Branch fil-MRRA jkompli jaħdem id f'id mas-sajjieda biex jinstabu metodi innovattivi li jtejbu s-sajd lokali u li jevitaw il-qbid aċċidentali ta` speċi li s-sajjieda m'għandhomx bżonn, bħalma hi l-Garnija.

– L-imsieħba kollha tal-proġett ikomplu jaħdmu flimkien għall-ħarsien tal-Garnija fl-iRdum tal-Madonna. Is-sħubija soda li kien hemm bejn organizzazzjonijiet governattivi u non-governattivi, b'riżultat tal-proġett, tkompli toffri eżempju ta` kif jistgħu jitwettqu proġetti f'siti oħra ta` Natura 2000 f'Malta.

# Iktar x'taqra

Fi ħdan il-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija twettqu għadd ta` azzjonijiet li ssarrfu f' rapporti li t-tim tal-proġett ippubblika. Għal min irid li jkollu iktar tagħrif dwar dawn ix-xogħolijiet, ir-rapporti jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tal-proġett:
**www.lifeshearwaterproject.org.mt/mt/publications**

Rapport fuq l-identifikazzjoni taż-żoni tas-sajd Maltin

Rapport tal-istudji li saru biex jiġi investigat il-qbid aċċidentali tal-għasafar tal-baħar minn sajjieda Maltin

It-tniġġis mid-dawl u l-effetti tiegħu fuq il-Garnija; kawżi u soluzzjonijiet

Żoni Marittimi ta` Protezzjoni Speċjali: Rapport li jagħti l-punti prinċipali tal-mekkaniżmi nazzjonali li qegħdin jintużaw biex jiġi żviluppat il-programm ta` Żoni Marittimi Importanti għall-Għasafar u Żoni Marittimi ta` Protezzjoni Speċjali fl-Ewropa b'rakommandazzjonijiet għal Malta

Pjan ta` Tmexxija għaż-Żona ta` Protezzjoni Speċjali u s-Sit Kandidat għal Żona Speċjali ta` Konservazzjoni tar-Ramla tat-Torri/l-iRdum tal-Madonna

Pjan ta` Konservazzjoni għal wara l-LIFE (After-LIFE)

Pjan sħiħ ta` kif issir l-identifikazzjoni ta` Żoni Marittimi Importanti għall-Għasafar

Rapport dwar ambjenti marini wżati mill-adulti u l-frieħ tal-*Puffinus yelkouan* li faqqsu fis-sit tal-proġett

## Ħarsien tal-Garnija f'Malta
## Ir-rapport tal-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija

**Referenza tal-proġett:** LIFE06/NAT/MT/000097 "SPA site and sea actions saving *Puffinus yelkouan* in Malta"
**Benefiċjarju:** BirdLife Malta
**Tul tal-proġett:** Settembru 2006 – Ġunju 2010
**Lokalita` tal-proġett:** L-iRdum tal-Madonna (l-Aħrax tal-Mellieħa) ŻPS u kŻSK, Malta
**Kitba:** John J. Borg, Helen Raine, Andrè F. Raine u Nicholas Barbara
**Stampi:** Martin Austad, Nicholas Barbara, John J Borg, Matthew Borg Cardona, Denis Cachia, Robert Camilleri, Frank Dhermain, Andrew Gauci Attard, Matthieu Lasceve, Ana Meirinho, Vitor Paiva, André F Raine, Helen Raine, Iván Ramírez, Arnold Sciberras, Oliver Slessor, Aron Tanti, Clare Wigmore.
**Traduzzjoni:** Jason Aloisio

**Disinn:** Jon Calleja – www.unbrandme.com
**Stampat:** Gutenberg Press Limited

1200 kopja stampata (800 bl-Ingliż u 400 bil-Malti)

**Tagħrif għall-ikkatalogar**
Borg, J.J., Raine, H., Raine, A.F. & Barbara, N. (2010) *Ħarsien tal-Garnija f'Malta: Ir-rapport tal-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija.* Malta: Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija.

**Referenzi**
Raine, A.F., Sultana J. u Gillings S. (2009). *Malta Breeding Birds Atlas 2008.* Malta: BirdLife Malta
BirdLife International (2010) Species Factsheet: *Puffinus yelkouan.* Tniżżel minn http://www.birdlife.org fit-30 ta` Mejju 2010

Id-drittijiet kollha miżmuma. Ir-rapport sħiħ jew siltiet minnu jistgħu jintużaw bil-permess ta` BirdLife Malta u/jew tal-Kummissjoni Ewropea (D.Ġ. Ambjent)

BirdLife Malta, 57/28 Marina Court, Triq Abate Rigord, Ta` Xbiex, Malta
Tel. +356 21347644/5/6 Faks: +356 21343239
l-indirizz elettroniku: info@lifeshearwaterproject.org.mt

www.birdlifemalta.org
www.lifeshearwaterproject.org.mt



*F'Malta għandna sa 10% tal-popolazzjoni dinjija tal-Garnija, li terz minnhom ibejtu fl-iRdum tal-Madonna fl-Aħrax tal-Mellieħa. Il-Proġett LIFE tal-UE għall-Garnija ħabrek biex ireġġa` lura t-tnaqqis fil-popolazzjoni tal-Garnija, iżid l-għarfien dwar dawn l-għasafar tal-baħar, jipproteġi l-iRdum tal-Madonna biex isir post ta`kenn għalihom u jinstabu l-iktar postijiet importanti fl-ibħra madwarna.*

*Sabiex il-ġejjieni ta`dan l-għasfur mhedded ikun żgurat, il-ħidma kontinwa ta`konservazzjoni trid tassigura l-protezzjoni u l-kura tal-postijiet fejn ibejjet, fejn jinġabar fi qtajjiet fuq l-ilma (rafting), fejn ifittex l-ikel u fejn jistrieħ waqt il-passa.*

Life
NATURA 2000
BirdLife MALTA